**29 ta' Settembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Gino Camilleri LL.D.**

Mohammed Azzoz

*versus*

Kenneth Demartino *noe*

## *Travellers Cheques* - Rappreżentanza Ġuridika - Leġittimu Kontradittur

*Is-soċjetà konvenuta ma ġietx imħarrka fil-kawża bħala aġent jew in rappreżentanza ta' soċjetà estera. Is-soċjetà konvenuta ma kinitx hi li ħarġet it-*travellers cheques *peress li rriżulta li hi kienet tieħu sempliċement kummissjoni in konnessjoni mal-bejgħ taċ-*cheques.

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta:

Illi fl-1 ta' Awissu, 1994 l-attur xtara mingħand Mid-Med Bank Limited ta' Triq Merkanti, Valleta, bħala aġent tal-konvenut, b'kemm jiswew ħamest elef (US$5,000) dollari Amerikani f'*travellers cheques* maħruġa fuq il-konvenut Thomas Cook (Malta) Limited;

Illi l-konvenut intrabat illi jirrifondi l-valur ta' l-istess *travellers cheques* f'każ ta' telf;

Illi l-attur tilef l-imsemmija *travellers cheques*;

Illi għalkemm l-attur ottempra ruħu mal-kundizzjonijiet kollha tal-konvenut, il-konvenut qed jirrifjuta li jirrifondi l-ammont ta' US$5,000 rappreżentanti t-*travellers cheques* mitlufa;

Talab għalhekk l-attur li l-konvenut *nomine* jgħid n'għandhiex din il-Qorti tikkundannah iħallas lura lill-attur l-ekwivalenti fi flus Maltin tas-somma ta' US$5,000 rappreżentanti *travellers cheques* li huwa tilef oltre l-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine* li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* fejn ġie eċċepit illi l-konvenut *nomine* kif ċitat mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante li Thomas Cook (Malta) Limited ma ħarġitx hija t-*travellers cheques* imsemmija mill-attur, iżda dawn ġew *issued* minn Thomas Cook Group Ltd. ta' l-Ingilterra li għandhom sede legali f'dak il-pajjiż; bla preġudizzju għas-suespost l-attur, għalkemm aċċetta l-kundizzjonijiet kollha li huma mehmuża ma' kull *traveller cheque* bħala *purchase condition*, huwa kiser dawn l-istess kundizzjonijiet stante li kien

ferm negliġenti fiċ-ċirkostanzi li taw lok għall-allegat serqa ta' l-istess *travellers cheques* (*sales advice form*) l-għada meta ffirma *Refund claims form* u l-firma fuq il-passaport huma għal kollox differenti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut *nomine* debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar, 1997;

Ikkunsidrat:

L-attur jallega li huwa xtara minn Bank lokali b'kemm jiswew ħamest elef (US$5,000) dollari amerikani fi *travellers cheques* ta' Thomas Cook. Huwa inoltre jsostni li ftit wara l-akkwista ta' dawn iċ-*cheques,* huwa tilifhom u permezz ta' din il-kawża huwa qed jitlob ir-rifużjoni ta' l-ammont minnu mħallas għall-istess *travellers cheques*;

Fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta qed teċċepixxi li hi mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Bil-preżenti qed tiġi deċiża din l-eċċezzjoni;

Is-soċjetà konvenuta ssostni illi t-*travellers cheques* in kwistjoni ma jinħarġux minnha iżda minn soċjetà estera u ċjoè s-soċjetà Thomas Cook Group Limited ta' l-Ingilterra. Konsegwentement il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża hi l-imsemmija soċjetà estera;

Is-soċjetà konvenuta ma ġietx imħarrka f'dawn il-proċeduri bħala aġent jew in rappreżentanza ta' l-imsemmija

soċjetà estera. Ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta għandha xi awtorita u fil-fatt emanat it-*traveller cheques* in kwistjoni. Jirriżulta anzi li dawn inħarġu mill-imsemmija soċjetà estera. Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta sempliċement tieħu kummissjoni mis-soċjetà Ingliża in konnessjoni mal-bejgħ ta' dawn iċ-*cheques* kif ukoll jieħu kummissjoni l-Bank lokali li biegħ iċ-*cheques* in kwistjoni lill-attur. Jirriżulta inoltre illi s-soċjetà konvenuta hi kompletament separata mill-imsemmija soċjetà estera;

In vista tal-premess l-eċċezzjoni in kwistjoni għandha tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u konsegwentement tillibera s-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju;

Spejjeż kollha kontra l-attur.

---